# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**
**vs**
**Carlos Muscat**

**Drogi Nru: 57/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carlos Muscat ta' 22 sena, imwieled Pieta', nhar il-5 ta' April, 1997, iben Carmel u missier mhux maghruf, residenti fil-fond 29, Flat 1, Triq San Pietru, Birzebbugia, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 0141797 (M).

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Jannar, 2020 gewwa l-Ajruport Internazzjonali bejn 15:40hrs u 17:00 wara l-inzul minn flight KM 395 minn Amsterdam.

Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49 (2) ta' l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-ammont u x-xorta tad-droga misjuba, l-koperazzjoni teighu mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali kwazi netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.**

Il-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tal-oggetti esebieti bhala Dok SM8,** dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**